MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Rikors Numru. 94/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors epprezentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Ottubru, 1972 u dan kif jirrizulta wkoll mis-separazzjoni taghhom u minn dan iz-zwieg tfal minuri jew jistudjaw ma hemmx;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati skond l-anness Dokument B li huwa kuntratt ta' Novembru 1991;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal

mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u qatt ma rrikonciljaw bl-ebda mod.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li hekk hu stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkkonfermat minnha bil-gurament taghha, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal aktar minn erba' snin;
2. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni;
3. Illi skont l-artikolu 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni tad-9 ta' Novembru 1998 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella l-partijiet iddikjaraw li ma humiex jesigu manteniment minghand xulxin minhabba ragunijiet validi fil-ligi;
4. Illi ghal kull buon fini l-esponenti qed topponi ghall-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar, 2013;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Novembru 1998 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------